**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 11 ta' Ottubru 2021**

**Cit. Nru: 249/2018 JPG**

**Kawza Nru.: 19**

**MA f'isimha propju u in rapprezentanza tal-minuri YA**
**Vs**
**RB**
**U**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MA datat 20 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti kellha relazzjoni extra maritali mal-konvenut RB u min din ir-relazzjoni twieled il-minuri YA. Illi esponenti taf illi l-minuri YA huwa il-wild bijologiku tal-konvenut RB u dan kif ser jigi pruvat f'din il-kawza.*

2. *Illi l-minuri YA twieled nhar X u kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A' huwa irregistrat bhala unknown father.*

3. *Illi gia la darba l-esponenti hija certa illi konvenut RB huwa il-missier bijologiku tal-minuri ghalhekk huwa ghandu ikun registrat fid-dokument tar-registru pubbliku u dan sabiex il-minuri YA jigi registrat bhala YB, iben il-konvenut RB u mhux jibqa registrat bhala unkown father u dan ukoll permezz ta' fatti bhal testijiet genetici.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara illi l-minuri YA huwa il-wild naturali ta' RB u dan okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi;*

2. *Tiddikjara illi l-missier naturali huwa RB detentur tal-karta t'identita numru Z.*

3. *Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri YA li huwa iskritt bin-numru W fil-kolonna fejn hemm indikat "isem u kunjom missier it-tarbija" u li fil-prezent jindika "unkown father" jigu inseriti l-konnotati tal-konvenut RB, u cioe' isem u kunjom konvenut RB, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-konvenut kif ukoll isem u kunjom missier il-konvenut, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors, d-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datat 24 ta' Ottubru 2018, a fol 8 et seqq, li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament u f'ġieħ l-integrita' tal-ġudizzju, għandu jiġi rilevat illi minn riċerki li saru mill-Common Database (CDB), jidher li l-attriċi u lanqas il-konvenut ma huma miżżewġa. Għaldaqstant dak li ġie ddikjarat mill-attriċi taħt ġurament u ċioe' li hija kellha 'relazzjoni extra maritali', fl-ewwel premessa fir-rikors promotur, ma hijiex vertiera;*

2. *Illi bla ħsara għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi stante s-suespost, l-esponent jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġi vverifikat jekk il-*

*konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri;*

4. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut RB sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tiegħu meta twieled il-minuri, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtiega sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi YA, a tenur tal-Artikolu 92 (5) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' RB datata 27 ta' Novembru 2018, a fol 15A, li taqra hekk:

1. *Illi huwa fatt li l-konvenut kellu relazzjoni ta' ftit gimghat mal-esponenti MA matul l-2017;*

2. *Illi l-konvenut pero jichad kategorikament li huwa l-missier tal-miunri YA kif qed allegat mill-esponenti f'dan ir-rikors;*

3. *Illi f'dan ir-rigward l-konvenut lest li jaghmel kwalsiasi ezami mediku inkluz dak tad-DNA u dawn a spejjez tal-esponenti;*

4. *Illi l-konvenut sa minn issa lest jerfa kwalsiasi responsabilta se mai jirrizulta li huwa l-missier patern tal-minuri YA.*

Rat illi l-intimat naqas milli jidher f'diversi seduti mhejjija u kif ukoll naqas milli jippresenta l-provi tiehu ghal kas in ezami; Sussegwentement il-Qorti ddikjarat provi maghluqa; (vide fol 46 et seqq);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-avukati difensuri tal-partijiet stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 46);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici MA xehdet permezz ta'affidavit** *a fol 26 et seq* fejn spjegat illi f'Awwissu tas-sena 2017 hija bdiet relazzjoni mal-intimat RB, u li f'Novembru ta' dik l-istess sena u cioe 2017, hija harget tqila b'binha YB. Issostni illi meta hija infurmat lill-intimat b'dan, huwa mal-ewwel beda jsostni illi t-tarbija ma kienitx tieghu, izda hija kienet certa li it-tarbija kienet tal-intimat peress li hija ma kellhiex relazzjonijiet ohra ma terzi ghajr dik ma' RB. Illi filfatt kif infurmatu b'dan, l-intimat ittermina r-relazzjoni immedjatament. F'Lulju tas-sena 2018, twieled il-minuri YA, u meta twieled, tirrileva illi hija kienet cemplet lill-intimat sabiex tinfurmah bit-twelied ghaliex hasset li binha jimmerita li jkollu missier u li anke l-intimat ikollu relazzjoni ma'ibnu u mhux biex tikkonvincih jerga jibda relazzjoni maghha. L-attrici tispjega illi meta cemplitlu, qabditha mara, li wara saret taf li kienet certu TB, u li kienet qieghda f'relazzjoni mal-intimat RB fejn din wegbitha: "Rabbieh inti ghax dak tieghek."

Xahar wara u cioe f'Awwissu 2018, l-intimat kien cempilha u talabha biex jara lit-tarbija. L-attrici tishaq illi hija ma kellha l-ebda oggezzjoni u kienet hadet lit-tifel sabiex l-intimat ikun jista' jarah. Illi dakinhar l-intimat kien talabha sabiex jaghmlu DNA test u ghalkemm hija hassitha ddispjacutha, hija ma kellha l-ebda oggezzjoni, tant illi wara li ftehmu u sar l-appunatment, kien l-intimat li ma kienx attenda biex jaghmel it-test u minn dakinhar l' hawn l-intimat rega' ghazel

li ma jarax lit-tifel. Tispjega illi minkejja li hija pruvat taghmel kuntatt mal-intimat kemm – il darba, dan kien kollu ghalxejn ghaliex qatt ma rnexxilha tikkuntattjah u hu qatt ma kkuntatjaha lura.

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob illi l-konvenut RB jigi maghruf bhala l-missier naturali tal-minuri YA li twieled nhar id- 9 ta'Lulju 2018 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-minuri *a fol 5* u li sal-llum il-gurnata huwa ddikjarat bhala wild missier mhux maghruf.

Din il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq l-artikolu 86A tal- Kodici Civili, li jipprovdi:

> ***"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."***

Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."***[1]

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar *a fol 20 et seq*, it-testijiet genetici li saru fuq il-konvenut RB u l-minuri YA jistabilixxu illi l-istess konvenut huwa l-missier bijologiku tal-minuri. Illi ghalhekk, u in vista tar-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi l-konvenut huwa l-missier bijologiku tal-minuri bint il-partijiet.

Rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi l-intimat deher biss fit-28 ta' Novembru 2018 u l-ghaliex wara li sottopona ruhhu ghall-ezami tad-DNA, l-intimat ma regax

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

deher ghas-seduti u dana minkejja li kien imharrek mill-attrici diversi drabi sabiex jixhed fuq il-kwistjoni tal-kunjom li ghandu jinghata lill-minuri. Illi filfatt din il-Qorti kif preseduta, waqt is-seduta tad- 9 ta' Gunju 2021, wara li rat li l-kawza kienet ilha ghall-provi tal-intimat minn Jannar tal-2021 u li tul dawn l-ahhar seduti l-intimat RB u l-avukat difensur tieghu naqsu milli jidhru, iddikjarat maghluqa l-provi tal-intimat u l-proceduri gew differiti ghas-sentenza.

Il-Qorti rat ukoll illi permezz ta' nota datata 3 ta' Dicembru 2020, l-attrici iddikjarat illi l-kunjom tal-minuri YA ghandu jibqa' jzomm il-kunjom A u cioe kunjom l-attrici omm. Din il-Qorti hija tal-fehma illi fid-dawl tad-disinteress totali da parti tal-intimat minkejja li inghata diversi opportunitajiet sabiex jiddikjara l-pozizjoni tieghu ghar-rigward, u fid-dawl tan-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku hekk kif verbalizzata fis-seduta tad- 9 ta'Gunju 2021, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li llum ghandu circa tlett (3) snin li kunjom l-istess minuri ghandu jibqa 'A'.

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***
>
> ***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004** fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

> ***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi lispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***
>
> ***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna***

> ***ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

Il-Qorti tosserva illi l-attrici ntavolat il-proceduri odjerni fl- 20 ta' Settembru tas-sena 2018 u cioe wara biss xahrejn jn mit-twelid tal-minuri YA, li kif rilevat iktar qabel, twieled fid- 9 ta' Lulju 2018. Il-Qorti rat illi fir-risposta tieghu, l-intimat minkejja li ammetta li huwa kellu relazzjoni brevi mal-attrici, cahad illi l-minuri kien ibnu. Illi sussegwentement mit-testijiet genetici pero' l-verzjoni tal-attrici u cioe li l-intimat huwa l-missier naturali tal-minuri giet konfermata. Illi wara t-thabbir tal-ezitu tal-imsemmija testijiet, il-konvenut ma deherx aktar ghas-seduti, u lanqas ma deher l-avukat difensur tieghu.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-konvenut RB ghandu ibghati l-ispejjez tal-proceduri kollha, inkluz dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif gej:**

1. **Tiddikjara illi l-konvenut RB huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri, YA imwieled X lill-attrici MA;**

2. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri YA, innumerat W fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tal-konvenut RB detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru Z, imwieled il-Pieta fit-12 ta' Lulju 1984 u iben JJB li kien haj fil-mument tat-twelid tal-minuri, u li l-konvenut RB meta twieled il-minuri kellu 33 sena, u kien residenti Bormla;**

3. **Tordna, illi l-minuri YA jibqa jkun magħruf bil-kunjom *A*;**

**L-ispejjes, inkluzi dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut RB.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**